MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Numru. 20/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Ernest Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Ernest Cilia, bin Emmanuele u Matilda nee' Pisani, imwieled fl-4 ta' Frar, 1961 u residenti fil-fond Carlo Flats, FL 7, Triq il-Qbajjar, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 141661(M) li fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie:

Akkuzat talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' **International Call Management Ltd**., u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (1) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saret dovuta fil-perjodu li ntemm fil-31 ta' Mejju 2009 u dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 66 u artikolu 76(c) tal-Att Nru. XXIII tal-1998;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jaccedi tlett xhur, taht multa ta' mhux inqas minn erba' ewro u hamsa u sittin centezmu u mhux iktar minn tlieta u ghoxrin ewro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti;

Rat l-artikoli 27 u 76(c) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat**

ILLI l-imputat jghid li baghat ittra datata 28 ta' Novembru 2004, f'liema ittra jghid li kien qed jirrizenja minn kwalunkwe pozizzjoni li huwa kellu mas-socjeta' « International Call Management Limited » (Dok. « JPG 1 »).

ILLI, apparti l-fatt li ma ngabitx prova li tali ittra giet ricevuta, ma jirrizultax li l-imputat segwa l-proceduri necessarji skond il-ligi sabiex jirrizenja minn kwalunkwe pozizzjoni li huwa kellu mas-socjeta' « International Call Management Limited ».

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 27 u 66 u 76(c) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ disa’ mitt Euro (€ 900.00).

Il-Qorti, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998 tordna lill-imputat Ernest Cilia sabiex fi zmien tliet xhur mil-lum jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax il-Euro (€ 15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------